# Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Il-Każ M.10960 – EPPE / PZEM SUBSIDIARIES)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 417/12)

1. Fl-20 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— EP Power Europe, a.s. ("EPPE", ir-Repubblika Ċeka), li tappartjeni għall-Grupp EPH (ir-Repubblika Ċeka),

— PZEM Energy Company B.V. ("PEC") u s-sussidjarji tagħha (a) Sloe Centrale Holding B.V. ("SCH"), (b) Sloe Centrale B.V. ("SCBV") u (c) PZEM Tolling Sloe B.V. ("PZEM TOLLING"), u PZEM Pipe B.V. ("PZEM PIPE") (kollha fin-Netherlands), kemm proprjetà esklużiva u kkontrollata minn PZEM Ficus kif ukoll (ii) proprjetà konġunta u kkontrollata minn PZEM Ficus u EDF International.

EPPE takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' PEC, SCH, SCBV, PZEM TOLLING u PZEM PIPE.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— EPPE (ir-Repubblika Ċeka) tappartjeni għall-Grupp EPH. Il-Grupp EPH huwa utilità tal-enerġija integrata vertikalment b'diversi attivitajiet li jinkludu l-estrazzjoni tal-linjite, il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-provvista tal-elettriku u tas-sħana kif ukoll it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-ħżin u l-provvista tal-gass,

— PZEM Energy Company B.V. ("PEC") u s-sussidjarji tagħha (a) Sloe Centrale Holding B.V. ("SCH"), (b) Sloe Centrale B.V. ("SCBV") u (c) PZEM Tolling Sloe B.V. ("PZEM TOLLING"), u PZEM Pipe B.V. ("PZEM PIPE") (kollha fin-Netherlands) huma attivi fis-settur tal-enerġija u tal-gass.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10960 – EPPE / PZEM SUBSIDIARIES

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, bil-fax jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË